# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 213/2012**

**PHILIP BUGEJA u JOSEPHINE BUGEJA**

**vs**

**JOHN BUGEJA u ROSARIA BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*" **It-Tribunal,***

*Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi John Bugeja u Rosaria Bugeja jabbitaw u huma responsabbli mill-fond 'Peace Haven', Triq it-Tempesta, Qrendi; illi l-atturi huma sidien tal-fond 'Josephil', Triq it-Tempesta, Qrendi; illi l-atturi sofrew danni fil-propjeta' taghhom, ikkagunati minhabba nuqqas ta' manutenzjoni fil-fond 'Peace Haven, Triq it-Tempesta, Qredni, liema danni huma ghall-ammont ta' disa' mija u erba' u erbghin ewro (€944)*

*rapprezentanti spejjez f'riparazzjonijiet fil-fond tal-atturi; illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati f'diversi okkazzjonijiet inkluzi dawk ta' ittra ufficjali, kopja taghha annessa u mmarkata Dok A, biex ihallsu ghad-danni sofferti mill-atturi, huma baqghu inadempjenti;*

*Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' disa' mija u erba' u erbghin (€944), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li eccippew illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi preliminarjament ukoll il-pretensjonijiet attrici kif diretti kontra l-konvenuta Rosaria Bugeja ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan stante li l-konvenuta m'ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni mressqa fit-talba attrici billi l-propjeta' mertu ta' din il-kawza hija ta' haddiehor u mhux tal-konvenuta u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hadd mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghad-danni indikati; illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jgibu prova tad-danni; salv eccezzjonijiet ohra; bl-ispejjez.*

*Sema' x-xhieda.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet u ra l-verbal tas- 16 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-kaz odjern huwa dwar hsart ikkagonati fuq propjeta', allegatament minhabba nuqqas ta' manutenzjoni fi propjeta' adjacenti.*

*1. Tqajjmet eccezzjoni li Rosaria Bugeja mhix il-legimitta kontradittrici. Illi pero' fil-verbal ta' nhar is-16 ta' Jannar, 2013, l-atturi rtiraw it-talbiet taghhom kontra Rosaria Bugeja u ghalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jindirizza din il-kwistjoni.*

*2. Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi l-azzjoni ghad-danni mhux naxxenti minn reat kriminali, u li ghalhekk japplika ghat-talba odjerna.*

*Il-konvenut, xehed illi l-attur kien gibidlu l-attenzjoni dwar hsarat f'April 2009 u dan kien sentejn u tmien xhur qabel ma rcieva l-ittra ufficjali dwar dan (ara l-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 2011). Din kienet l-ewwel ittra ufficjali.*

*Fit-trattazzjoni tieghu, l-konsulent legali qal li l-perjodu kellu jibda mid-data illi kien hemm konferma tal-hsara mill-perit u ghamel riferenza ghac-certifikat tal-perit li pero' ma giex prezentat. Illi zied ukoll li l-hsarat tkomplew wara April 2009, f'xhur meta kien hemm ix-xita, bhal Settembru 2009 sa Novembru 2009. Illi pero' lanqas ma tressqu provi dwar dan.*

*Il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata. Ghalhekk it-Tribunal irid jara meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas ghall-hsarat allegatament kawzati minnu ossia meta twieled id- dritt tal-attur biex jagixxi kontra tieghu.*

*"Il-preskrizzjoni estintiva tibda biss meta jitwieled id-dritt jew l-azzjoni li ghandha testingwi" (ara sentenza Carmelo Agius Fernandez et vs Dr. Filippo Nicolò Buttigieg)1.*

*F'dan il-kaz jidher illi l-ewwel darba li setgha jiehu passi l-attur kien f'April 2009 meta il-partijiet kienu tkellmu dwar il-hsarat. 2*

*Ghalhekk minhabba l-provi quddiemu t-Tribunal m'ghandux ghazla ohra hlief jiehu d-data tal-ittra ufficjali u cjoe tal-15 ta' Dicembru 2011 u d-data li semma l-konvenut taht gurament t'April 2009.*

*Fil-kawza '**Tabone qabel Stellini Mary Rose Vs Vassallo Silvio Pro et noe'3** jinghad li " hu ormai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (Kollez Vol. XXVIII pI p93; Vol XXXVII pII p626).*

*Galadarba allega li l-preskrizzjoni giet interotta l-attur kellu l-obbligu jgib prova ta' din l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u kif rilevat fil-istess kawza fuq citata:*

*"jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX pI p989)*

*In ogni caso, ammissjoni irid ikun car w inekwivoku u f'dan il-kaz mill-atti u mix-xhieda ma harigx illi kien hemm ebda rikonoxximent da parti tal-konvenut hlief li kien sar diskors f'April 2009. Galadarba m'irrizultax li fil-perjodu kien hemm ammissjoni biex tinterrompi l-preskrizzjoni t-Tribunal ihoss illi l-att gudizzjarju kien wiehed tardiv.*

***Decide:***

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut.*

*l-ispejjes tal-kawza ghall-attur."*

Illi minn din is-sentenza l-atturi appellanti ħassewhom aggravati u ressqu appell, bl-aggravju wieħed illi t-talba attriċi ma kellhiex tiġi iddikjarata preskritta billi t-Tribunal straħ biss fuq id-deposizzjoni tal-intimat appellat.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:-

Illi għall-ħabta ta' April 2009, maltempata kbira ħakmet lil Malta, u konsegwenza ta' dan, l-appellanti sofrew allagar ta' ilma li daħal fil-proprjeta tagħhom allegatament mill-proprjeta tal-konvenuti appellati minhabba f'nuqqas ta' manutenzjoni fil-fond proprjetà tal-appellati.

Illi sussegwentament, u konsegwenza tal-ilma li xorob is-saqaf, bdew jitfaċċaw konsenituri u eventwalmenti tifqiegħ fis-saqaf. Illi l-appellanti jgħidu illi huma informaw b'dan lill-appellati diversi drabi, izda dawn baqgħu inadempjenti, u ghalhekk l-appellanti qabbdu perit arkitett biex jagħmel stima tal-ħsarat.

Illi l-appellanti bagħtu ittra uffiċjali lill-appellati datata 15 ta' Diċembru 2011.

Illi t-Tribunal iddeċieda billi laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-appellanti.

Kontra dan l-appell, il-konvenuti appellati ressqu bi preliminari l-pregudizzjali li dan gie intavolat "*fouri termine*" bi ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula illi:

> *"Appell isir minn deċiżjoni ta' Tribunal lill-Qorti tal-Appell magħmula minn imħallef wieħed biss skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-appell għandu jsir b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata.*

Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi.

"*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila***", *Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997*);

*Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott*[1]*".*

*"in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita".*[2]

Kjarament, mill-atti istruttorji tal-kaz prezenti jirrizulta l-fatt materjali tat-trapass taz-zmien statutorju billi mid-data tas-sentenza (**24 ta' Mejju 2013**) sal-

---

[1] Appell Civili Numru. 17/2007, Kenneth Abela vs Aplan Limited u R.V. Electronics, 6 ta' Frar, 2008.

[2] Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007

prezentata ta' l-appell (**<u>14 ta' Gunju 2013)</u>** skadew b'ġurnata waħda l-għoxrin ġurnata prefissi mill-Kapitolu 380 ghall-proponiment tal-appell mill-atturi appellanti. Il-konsegwenza hi li l-appell devolut hu irritwalment propost in kwantu *fuori termine*. Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljiex il-pregudizzjali sottomessa mill-appellati. Mhux il-kaz allura li tinvesti l-mertu tal-aggravju sottopost.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali mqanqla mill-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell taghhom, l-appell qed jigi rigettat bhala irritu u null in kwantu prezentat tardivament, bl-ispejjez jitbatew mill-atturi appellanti

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur